# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ta' Sannat

# DISA' LEĠISLATURA

# Laqgħa Numru 23

22 ta' Frar, 2021

Il-Kunsilli Lokali Ta' Sannat ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz fi Triq Sannat, Ta' Sannat fis-2.00 ta' wara nofsinhar.

PREŻENTI:

Philip Vella – Sindku
Frances Galea – Viċi Sindku
Clayton Tewma – Kunsillier
Joseph Bajada – Kunsillier
Steven Gauci – Kunsillier

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A(3):

ASSENTI

n/a

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Jason Curmi – Segretarju Eżekuttiv

# Aġenda Nru. 23

23.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;
23.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti Nru. 22 – 9;
23.3 Rapport ta' kull kwart Jannar – Diċembru 2020 (Kwart 4);
23.4 Rapport Finanzjarju Amministrattiv 2020 (*unaudited*);
23.5 L-Estimi Annwali 2021;
23.6 Pjan ta' Ħidma 2021 – 2025;
23.7 Komunikazzjoni mis-Sindku;
23.8 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri;
23.9 Komunikazzjoni;
23.10 Il-proġett ta' riġenerazzjoni ta' Pjazza Santa Margerita;
23.11 Measure GAG4 – Rejuvenating Gozo (Second Call);
23.12 Ilmenti u Suġġerimenti;
23.13 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti 2/2021;
23.14 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

## Minuti

Is-Sindku Philip Vella ippresida din il-laqgħa wara li ntqalet it-talba tal-bidu.

## 23.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

23.1.1 Ma kienx hemm ittri ta' apoloġiji.

## 23.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti Nru. 22 – 9

23.2.1 Il-Kunsill għadda mill-ewwel għal minuti tal-laqgħa Nru. 22 – 9 li dawn kienu tqassmu minn qabel u għalhekk ittieħdu bħala moqrija. Fuq dawn ma kienx hemm emendi, b'hekk dawn il-Minuti ġew approvati unanimament mill-Kunsill, dawn ġew iffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

## 23.3 Rapport ta' kull kwart Jannar – Diċembru 2020 (Kwart 4)

23.3.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qal li għal din il-laqgħa stieden b'mod virtwali l-Accountant tal-Kunsill biex tispjega dan ir-rapport u rapporti oħra li jinsabu fl-Aġenda tal-lum. Dan ir-rapport kien intbgħat permezz tal-imejl lill-Kunsillieri. Dan ġie spjegat mill-Accountant u wara li ġie approvat mill-Kunsill ġie ffirmat mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv.

## 23.4 Rapport Finanzjarju Amministrattiv 2020 (*unaudited*)

23.4.1 Is-Segretarju Eżekuttiv talab lill-Kunsill biex l-Accountant tispjega, r-Rapport Finanzjarju Amministrattiv 2020 fejn għalkemm il-Kunsill għandu d-dejn ikkontrollat fuq il-bini tal-Uffiċċju Amministrattiv u fuq xi toroq, din is-sena l-Kunsill qed bi profit. Wara li dan ir-rapport ġie moqri u spjegat fid-dettal mill-Accountant, dan ġie approvat unanimament mis-Sindku, mill-Viċi Sindku u l-Kunsillieri. Is-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv iffirmaw dan ir-rapport biex jintbgħat fil-ħin lill-Awditur, lill-Awditur Ġenerali, lid-Direttur Ġenerali u lid-Direttur – Moniteraġġ u Sapport, Dipartiment għall-Gvern Lokali.

## 23.5 L-Estimi Annwali 2021

23.5.1 Is-Segretarju Eżekuttiv talab lill-Kunsill biex l-Accountant tispjega l-Estemi Annwali 2021. Hi qalet li l-allokazzjoni żdiedet madwar €13000 u s-Segretarju Eżekuttiv ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill biex nimxu kemm jista jkun ma dan il-baġit peress li ma hemmx fejn wieħed idur ghax l-allokazzjoni hija dik li hi. Il-Kunsill qabel ma dan, u dan ġie approvat. Il-Kunsill irringrazzja lill-Accountant tax-xogħol u l-pariri tagħha u wara li din kienet lesta nqata l-kolleġament b'mod virtwali. Il-Kunsill kompla b'din il-laqgħa.

## 23.6 Pjan ta' Ħidma 2021 – 2025

23.6.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ta' spjega lill-Kunsill dwar ir-rapport għal Pjan ta' Ħidma 2021 – 2025, fejn spjega li għal dawn il-proġetti l-Kunsill irid jakkwista fondi addizzjonali biex dawn ikunu jistgħu jiġu mplimentati peress li l-allokazzjoni li tingħata ma tforniex għall-ispejjes relatati. Għalhekk hu nforma lill-Kunsill biex meta jiltaqgħu u jindunaw bi skemi u għajnuniet finanzjarji jinfurmaw lill-Kunsill. Hu semma' dawn il-proġetti msemmija fir-rapport. Is-Sindku qal li l-Kunsill għad baqgħalu l-loan li hija dik ta' fuq l-akwist tal-uffiċċju minn fejn il-Kunsill jamministra. Is-Sindku qal li dak iż-żmien meta l-Kunsill ta dakinhar, kellu vizjoni biex illum il-Kunsill għandu uffiċċju tiegħu u li dan il-loan kien ġie approvat mill-Ministru responsabbli mid-DLG.

## 23.7 Komunikazzjoni mis-Sindku

23.7.1 Is-Sindku qal li l-Kunsillier Gauci talab biex il-laqgħat tal-Kunsill jibdew fis-1.30 p.m. minflok fis-2.00 p.m. Il-Kunsillier Tewma qal li hu ma jkunx jista minħabba mpenji ta' skola. Għandu jintlaħaq kompromess dwar dan.

23.7.2 Is-Sindku qal li dwar l-proġett ta' Triq Sannat ix-xogħolijiet issa kwazi tlestew, nhar il-Ħamis 4 u l-Ġimgħa 5 ta' Frar 2021 ngħatat l-aħħar kisja tarmak biex b'hekk għandna l-entratura ta' dan ir-raħal kif mistħoqq wara tant snin ta' stennija, grazzi tal-għajnuna finanzjarja mil-Ministeru għal Għawdex. Hu qal li l-Kunsill sa mit-twaqqf tiegħu u f'kull leġislatura dejjem talab biex din it-triq tingħata wiċċ ġdid bit-tarmak iżda dak mhux biss, ix-xogħolijiet li saru taħt din it-triq kienu kbar ħafna għaliex inbiddlu s-servizzi kollha u permezz tal-water culverts l-għarar tal-ilmijiet tax-xita se jiġu eliminati darba għal dejjem. Fit-tieni u t-tielet ġimgħa ta' Frar 2021 saru l-marki tas-sinjali tat-traffiku fuq il-junction biex b'hekk is-sewwieqa qed josservaw u jsuqu kif mitlub. Għad fadal iz-zebra crossings fi triq u l-mountable roundabout x'jiġu nstallati nkluż it-tabelli tas-sinjali tat-traffiku. Hu qal li dwar il-bankina ta' quddiem l-għassa u l-berġa u l-latrina mhux konvint minnha u bħala Kunsill kien tkellem dwarha. Hu qed jissuġġerixxi li dik quddiem l-għassa u l-berġa tinqala, rigward il-berġa għandna nitkelmu dwar l-għoli tagħha u anke dwar dik tal-għassa. Hu qal li għandna laqgħa mall-Kummissarju tal-Pulizija biex naraw x'se jsir biex din tiġi aċċessibli. Dwar dik ta quddiem il-latrina pubblika ghandha tibqa hemm kif hi. Il-Kunsill qabel ma dan biex din tkun aċċessibli biex kulhadd ikun moqdi kif jixraq.

23.7.3 Is-Sindku qal li bħallissa fi Triq ix-Xewkija, l-WSC qed jgħamlu xogħolijiet ta' trinek biex minnhom jgħaddu katusi għas-second class water. Is-Sindku qal li ġie nfurmat mill-Ministeru għal Għawdex li din it-triq ukoll ser tingħata wiċċ ġdid bit-tarmak. Il-Kunsill feraħ għal din l-aħbar.

23.7.4 Is-Sindku qal li nhar is-Sibt li għadda hu u s-Segretarju Eżekuttiv iltaqgħu ma' tal-ELC dwar il-junction biex jaraw x'jista jsir fis-soft areas li hemm fil-junction tal-entratura Ta' Sannat biex b'hekk isir tisbieħ lill-entratura tal-lokalita' kif jixraq. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li ġie ssuġġerit mill-ELC biex fuq in-naħa tax-Xewkija jitħawlu arbuxelli Carissa Macrocarpa u pjanti bi fjuri staġjonali u fuq in-naħa ta' mall-ħajt tal-iskola jitħawlu 7 siġar Cupressus Sempervivens u pjanti ta' fjuri staġjonali quddiem fejn ġej l-isem Ta' Sannat.

23.7.5 Is-Sindku nforma lill-Kunsill dwar Triq it-Tabib Anton Tabone (Il-Qasam) in-nofs li għad fadal biex jingħata wiċċ ġdid bit-tarmak il-Kunsill għadu ma jafx meta ser tingħata ibda biex din it-triq mhix fil-konfini ta din il-lokalita' imma tal-Kunsill Lokali Ix-Xewkija. Il-Kunsill għandu jitlob

lill-Ministeru għal Għawdex sabiex Triq Anton Tabone titkompla bit-tarmak u minnha jitkompla l-istorm water culvert li jitlaq għal wied ta' Mġarr ix-Xini.

23.7.6 Is-Sindku qal li tkellimina mall-Perit biex joħroġ id-disin tal-isem Ta' Sannat biex b'hekk nkunu nistgħu napplikaw ma' l-Awtorita' tal-Ippjanar u naraw kemm ser tiġi tiswa biex naraw minn fejn nistgħu nġibu l-fondi għaliha.

23.7.7 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li s-Segretarju Ezekuttiv qal li l-ġardinar assenjat mall-Kunsill infurmana li fil-Ġnien tal-Bidwi reġa wasal iż-żmien għal-ħart peress li reġa kiber il-ħaxix, il-ġardinar qed jissuġġerixxi li jinxtara moħriet biex dan il-ġnien jinżamm fil-kundizzjoni li tixraq. Il-ġardinar talab li jinxtraw vireg biex isiru brackets għal pajpijiet tad-drips. Il-Kunsill qabel li ma jixtrix moħriet, dwar il-vireg qabel li jinxtraw biex id-drip irrigations jitpoġġew fuqhom.

23.7.8 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li wara li nġabru kwotazzjonijiet oħra, l-Kunsill nstalla road hump fi Triq it-Tempju tal-Imramma biex is-sewwieqa jnaqqsu l-veloċita f'din it-triq, il-Kunsill għandu jaħseb biex din tiżdied peress li meta twaħħlet kien hemm karozza pparkjata u ma setgħux jiġu nstallati.

23.7.9 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li nħar il-Ħamis u l-Ġimgħa li ġej ser isir iż-żbir tas-siġar tal-ficus li jinsabu fl-iskola primarja fi Triq Sannat, wara se jinżabru dawk ta' Triq il-Kbira u ta' Triq Marsilja. Dan ix-Xoghol se jsir mill-ħaddiema tal-Agrikultura fi ħdan il-MGOZ. Wara jinżabru dawk fi Triq Marsilja u Triq il-Kbira.

23.7.10 Is-Sindku ġie mistoqsi mill-Kunsillier Tewma dwar ir-road humps fi Triq ix-Xewkija. Is-Sindku wieġeb li dwar dan trid tintalab lill-Transport Malta biss qabel l-Kunsill irid jara l-andament tat-din it-triq wara li titlesta mix-xogħolijiet li qed isiru fiha.

23.7.11 Is-Sindku ġie mistoqsi mill-Kunsillier Gauci dwar it-traffic management f'Ta' Sannat peress li qed issir diffiċli għar-residenti. Is-Sindku wieġeb li dwar dan irid isir Impact Assesment li jiġi jiswa l-flus. Is-Sindku għadu qed jikkonsulta dwar is-survey li qed jitfassal u li dan għandu jitqassam lir-residenti kollha dwar it-traffic management f'Ta' Sannat. Il-Kunsillier Bajada qed jissuġġerixxi biex fi Triq Marsilja fuq il-parti ta' Triq ix-Xabbata jitwalu s-sinjali tat-traffiku. Is-Sindku qal li aħna qedin hawn biex nissalvagwardjaw lir-residenti. B'dan is-survey għandna nsibu kompromess għal kulħadd. Il-Kunsill għandu jikteb lill-Transport Malta biex issir No Entry fi Triq Marsilja minn Triq Xabbata, No Entry minn Triq it-Tempju tal-Imramma għal Triq Xabbata u Triq Xabbata n-naħa ta' faċċata ta' Mercieca Store l-isfel jitwalu d-Double Yellow lines. Fi Triq Marsilja fuq in-naħa ta fejn hemm id-double yellow lines isiru u jitwalu sa fejn hemm is-siġra tal-ficus fejn it-triq tiftaħ. Il-Kunsillier Bajada ġibed l-attenzjoni ta' fejn qed jiżdied il-bini li din ser tkun problema li l-Kunsill aktar il-quddiem ser jaffaċja peress li mhux ser ikun hawn wisa ta' parkeġġ għar-residenti li jgħixu f'dawn l-inħawi fejn qed jingħataw l-permessi għal bini. Is-Sindku qal dan sakemm ma jinfetħux toroq ġodda f'din il-lokalita'.

23.7.12 Is-Sindku qal li dwar il-proġett tal-monument tal-gwerra, l-Artist Manuel Farrugia għadu ma għaddiex l-isketch ta' dan id-disinn biex dan jiġi diskuss ukoll mas-sotto-kumitat ta dan il-proġett. Is-Sindku qal li qed jafas fuq l-artist biex ningħataw dan id-disin, hu qal li diġa ninsabu tard jekk il-Kunsill irid iwassal sa Otturbru 2022.

23.7.13 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li nhar il-Ħamis 25 ta' Frar 2021 fid-9.00 a.m. għandu laqgħa mas-Superitendent tal-Pulizjia l-ġdid, fl-uffiċċju tal-Kunsill. F'din il-laqgħa ser jiġu diskussi:
1. L-Għassa Ta' Sannat biex tkun aċċessibli;
2. L-Indafa u ħruġ ta' skart domestiku filgħaxija;
3. Infurzar fuq ħruġ ta' permessi ta' tower cranes, cranes u makkinarju ieħor fit-toroq.

23.7.14 Is-Sindku qal li talab laqgħa mall-Kummissarju tal-Pulizija b'din l-Aġenda:

1. Tiġrija tradizzjonali taż-żwiemel;
2. Traġit tal-logħob tan-nar mill-bajja ta' Mġarr ix-Xini;
3. L-Għassa tal-Pulizija Ta' Sannat.

Din il-laqgħa ġiet iffissata għal nhar it-Tlieta 2 ta' Marzu, 2021 fil-Kwartieri tal-Pulizija fis-1.00 p.m.

23.7.15 Is-Sindku qal li talab laqgħa mall-Ministru għat-Turiżmu u l-Protezzjoni tal-Konsumatur, l-Onor Clayton Bartolo b'din bl-Aġenda – Proġetti nnovattivi fis-settur turistiku.
Din il-laqgħa ġiet iffissata għal nhar il-Ġimgħa 12 ta' Marzu 2021 fl-uffiċċju tal-Kunsill fil-11.30 a.m.

23.7.16 Is-Sindku qal li talab laqgħa mall-Ministru għall-Enerġija, l-intrapriza u l-Iżvilupp Sostenibbli. L-Onor Miriam Dalli b'din bl-Aġenda:

1. Servizz tal-Ilma u
2. Triq Palazz Palina.

Din il-laqgħa ġiet iffisata għal nhar l-Erbgħa 7 ta' April 2021 fl-uffiċċju, il-Ministeru fl-10.00 a.m.

23.7.17 Is-Sindku talab lill-Kunsill biex isir survey dwar l-upgrading tal-playing field fi Triq Marziena. Hu ta' spjega dwar dan il-proġett li jsir ġibjun kbir taħt għall-ġbir ta' l-ilma tax-xita, parkeġġ u ġnien fuq. Il-Kunsill qabel li jsir dan is-survey.

23.7.18 *Fit-3.50 p.m. il-Kunsillier Gauci talab biex jiġi skużat u ħalla l-kamra tal-laqgħa peress li kellu mpenji oħra.*

23.7.19 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-Ministeru għal Għawdex nieda applikazzjoni għal attivitajiet kulturali għal din is-sena. Hu qal li l-Kunsill għandu japplika għal dawn l-attivitajiet: L-Attivitjiet relatati mall-festa, Est! Est!! Est!!! Ta' Sannat Wine Fesitval – 2nd edition fil-11 ta' Settembru 2021, l-Għana Fest u Christmas Concert fil-11 ta' Diċembru 2021.

23.7.20 Is-Sindku qal li ġie nfurmat mill-Commissioner of Film Malta li fix-xahar ta' April 2021 ser isir filming għal film ġdid fi Pjazza Santa Margerita. Il-Kunsill qabel ma din it-talba għaliex b'hekk inkunu qed nipromwovu din il-lokalita'. Is-Sindku qal li għandhom isiru laqgħat magħhom dwar dan.

## 23.8 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

23.4.1 Il-Kunsillier Bajada qal li għandu suġġeriment biex jekk jippermetti minħabba ċ-cirkostanzi tal-Covid-19 li ma għandniex kontrol fuqhom issir serata ta' rikonoxximent lill-dawk il-players tal-futbol li fil-passat lagħbu mall-kalbb ta' din il-lokalita'. Il-Kunsill qabel ma dan is-suġġeriment u għandu jara kif isir dan meta jkun il-waqt.

## 23.9 Komunikazzjoni

23.9.1 Is-Segretarju Eżekuttiv fakkar lill-Kunsill biċ-Ċirkulari u Direttiva mibgħuta mid-DLG u li dawn ġew iċċirkulati lill-Kunsillieri permezz tal-imejl. Dawn huma:
Ċirkulari Numru SPI/SCI/2/2021 – Finanzjament għal żvillup u titjib fil-kundizzjonijiet tal-Playing Field fil-Lokalitajiet f' Malta u Għawdex
Ċirkulari Numru SPI/SCI/3/2021 – Skema għall-Attivitajiet Kulturali Annwali 2021

Ċirkulari Numru 01/2021 – Għeluq tas-Sena Finanzjarja 2020

23.9.2 Is-Segretarju Eżekuttiv fakkar lill-Kunsill biċ-Ċirkularijiet mibgħuta mill-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali u li dawn ġew iċċirkulati lill-Kunsillieri permezz tal-imejl. Dawn huma:
19 ta' Jannar 2021 – Cir AKL 2021/006 – Unpaid internship – Looking for a placement
19 ta' Jannar 2021 – Cir AKL 2021/007 – Webinar – Financial Regulation 20/01/2021
25 ta' Jannar 2021 – Cir AKL 2021/008 – Parteċipazzjoni tal-Kunsilli Reġjonali / Lokali fl-'Earth Hour' 2021. Il-Kunsill qabel li jipparteċipa f'din l-inizjattiva.
28 ta' Jannar 2021 – Cir AKL 2021/009 – Attivitajiet Fondi LESA għas-sena 2020/2021
04 ta' Frar 2021 – Cir AKL 2021/010 – Malta Epilepsy Day
05 ta' Frar 2021 – Cir AKL 2021/011 – Webinar – GDPR for DPOs and GDPR for Local Government
09 ta' Frar 2021 – Cir AKL 2021/012 – MCAST free langauge courses
19 ta' Frar 2021 – Cir AKL 2021/013 – Minuti Laqgħa tal-Eżekuttiv Nu. 42
19 ta' Frar 2021 – Cir AKL 2021/014 – Group Life Policy
19 ta' Frar 2021 – Cir AKL 2021/015 – Webinar Indafa Pubblika 24/02/2021

23.9.3 Is-Segretarju Eżekuttiv fakkar lill-Kunsill bl-imejls mibgħuta mir-Reġjun Għawdex u li dawn ġew iċċirkulati lill-Kunsillieri permezz tal-imejl. Dawn huma:
01 ta' Frar 2021 – Rifużjoni Spejjeż – Parteċipazzjoni Proġett Slow Streets
15 ta' Frar 2021 – Re Laqgħa Reġjun Għawdex Nru 100 nhar it-Tnejn, 22 ta' Frar 2021 fis-6p.m.
15 ta' Frar 2021 – Re Laqgħa Reġjun Għawdex Nru. 100 It-Tnejn, 22 ta' Frar 2021 fis-6p.m.
19 ta' Frar 2021 – Reminder Parteċipazzjoni Proġett Slow Streets

23.9.4 Is-Segretarju Eżekuttiv fakkar lill-Kunsill bl-imejls mibgħuta mill-Planning Authority dwar applikazzjonijiet u li dawn ġew iċċirkulati lill-Kunsillieri permezz tal-imejl. Dawn huma:
20 ta' Jannar 2021 – PA/08921/20 – Additions and alterations on all levels to left hand side house to create 3 flats and 'appromorta' on flats and right hand side house – Mr Raymond Vella & Mr Derick Vella, Vella House & Heaven, N/S in, Triq Daħla taċ-Ċnus, Sannat
20 ta' Jannar 2021 – RG/01954/20 – To regularise apartment, due to depth of internal yard and installation of en-suit shower – Ms Susan Sciberras, Mican Court, Flat 4, Triq Palazz Palina, Sannat
20 ta' Jannar 2021 – PA/04436/20 – GTD – To carry out additions and alterations to existing dwelling, namely excavation of reservoir and pool at back of site, additions at back of building, and alterations to facade. – Mr Paul Gatt, 27, Triq Ta' Skerla, Sannat
20 ta' Jannar 2021 – PA/06635/20 – GTD – To excavate site and construct basement garage, ground floor maisonette and overlying two storey duplex with swimming pool. – Mr Jimmy Vassallo, Site at, Triq it-Tempju tal-Imramma, Sannat

23.9.5 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li nhar l-Erbgħa 3 ta' Frar 2020 saret il-laqgħa virtwali mad-DLG dwar l-iżbilanċ finanżjarju tal-Kunsill għas-sena 2019 dan biex il-Kunsill jimxi mar-regolamenti finanzjarji kif tistipula l-liġi. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li għal din il-laqgħa attendew hu flimkien mall-Accountant tal-Kunsill. Hu qal li l-Accountant spjegat l-andament tal-qgħada finanzjarja.

23.9.6 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li l-ħaddiema tal-Community Works Scheme Enterprise Foundation assenjati mall-Kunsill, dawk li jaħdmu fuq barra wasal biex jinxtrawlhom l-ilbies protettiv għal sena oħra. Il-Kunsill qabel li dan l-ilbies jinxtara.

23.9.7 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li qed jidħlu ilmenti li xi residenti qed joħorġu l-iskart domestiku tard filgħaxija b'detriment għal terzi. Il-Kunsill għandu jibgħat mill-ġdid ittra ftit differenti mis-soltu dwar il-ħinijiet tal-ġbir tal-iskart u li dan ma għandux isir.

23.9.8 Is-Segretarju Eżekuttiv qal li l-Kunsill irċieva mingħand Transport Malta dwar Reserved Parking bay fi Triq Dun Luqa quddiem dar Bettlejuice u jekk il-Kunsill jaqbilx ma din it-talba. Il-Kunsill qal li diġa kien semmha din l-applikazzjoni u jaqbel li dan isir.

23.9.9 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li d-DLG infurmat permezz ta' imjel jekk il-Kunsill hux interessat li jipparteċipa fi tħawwil ta' siġar ta' palm (Phoenix canariensis) f'roundabouts, ġonna pubbliċi eċċ. u li minnhom ikunu jistgħu jutilizzaw is-sajjieda fi żmien l-istaġun tal-lampuki.

22.9.10 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li d-DLG bħalissa qed jagħmel strateġija tal-informatika biex isir titjib fl-Infrastruttura tan-Networks fil-Kunsilli Lokali, Reġjuni u Tribunali.

22.9.11 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li d-DLG bgħat imejl dwar talba għall-fondi ta' aġġustament għas-sena 2021.

## 23.10 Il-proġett ta' riġenerazzjoni ta' Pjazza Santa Margerita

23.10.1 Is-Sindku qal li nhar il-Ġimgħa 22 ta' Jannar 2021, il-Kunsill ġie mistieden mill-Ministeru għal Għawdex biex jiġi ffirmat il-proġett ambiżjuż ta' riġenerazzjoni ta' Pjazza Santa Margerita. Għal dan l-iffirmar attendew miegħu, s-Segretarju Eżekuttiv u l-Viċi Sindku. Dan il-proġett hu stmat is-somma ta' €3.7m li jinkludi pavimentar, parkeġġ ġdid, service culvert, il-pavimentar taz-zuntier tal-pjazza, il-monument tas-salib, id-dawl kollhu tal-pjazza inkluż dak tal-knisja minn barra u ta' Triq Sannat, sistema tad-drenaġġ u l-ilma u l-għamara. Is-Sindku qal li d-dokument tal-offerta qed jiġi ffinalizzat biex jintbgħat lid-DLG u lill-MGOZ biex jiġi ċċekjat, wara jkun jista jiġi ppublikat. Il-Kunsill talab biex jieħu parir mingħand is-Sur Peter Calleja, Horticultural Consultant u Lecturer dwar is-siġar tal-Oleander li hemm f'din il-pjazza. Is-Sindku qal li l-għandu jiġi ffirmat kuntratt bejn il-Kunsill u l-Knisja Parrokkjali biex b'hekk ikun jista jsir ix-xogħol fuq iz-zuntier tal-knisja peress li dan huwa parti mill-kuntratt tal-proġett ta' din il-pjazza. Is-Sindku qara dan d-*draft contract.*

23.10.2 Il-Kunsillier Tewma staqsa xhini l-possibilta li Triq it-Tabib Anton Tabone (il-Qasam) jiżdied id-dawl peress li qed jilmentaw xi residenti li din it-triq hi mudlama u ta' periklu speċjalment bil-lejl. Il-Kunsill qabel li għandha ssir laqgħa mall-Kunsill Lokali Ix-Xewkija peress li din it-triq taqa' taħt ir-responsabilita ta' dan il-Kunsill.

## 23.11 Measure GAG4 – Rejuvenating Gozo (Second Call);

23.11.1 Is-Sindku qal li dan l-aħħar il-Gozo Action Group Foundation nfurmat li ħarġet applikazzjoni ta' fondi ewropej taħt Miżura GAG4 – Rejuvenating Gozo (it-tieni sejħa). Il-Kunsill ġie avviċinat mis-Soċjeta Mużikali Santa Margerita u OIDFA (Malta) biex jissieħbu flimkien mall-Kunsill u japplikaw biex tiġi rrinovata mill-ġdid is-sala tas-Soċjeta Mużikali fejn fiha qed jitgħallmu tfal, żgħażagħ u kbar diversi tgħalim varju kemm dak ta' mużika, snajja u anke lingwi apparti li din is-sala mhux l-ewwel darba li ntużat wkoll għal diversi esebizzjonijiet. Għal dan il-għan saret laqgħa apposta maż-żewġ entitajiet flimkien ma' Uffiċjali mill-Muesac u l-GAGF biex b'hekk jekk l-applikazzjoni tiġi aċċettata tibbenefika din is-Soċjeta Mużikali flimkien mall-lokalita'. Il-Kunsill qabel li japplika u jgħin b'dan il-mod, din l-applikazzjoni tagħlaq f'nofsinhar ta' nhar il-Ġimgħa 12 ta' Marzu 2021.

## 23.12 Ilmenti u Suġġerimenti

23.12.1 Il-Kunsill irċieva imejl mingħand l-*Intervention Team* – MGOZ rigward ħofor fil-bidu ta' Triq Mġarr ix-Xini. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li dwar dan l-ilment il-Kunsill kien diġa avża lill-Ministeru għal Għawdex dwar dan.

23.12.2 Il-Kunsill irċieva imjel mingħand l-*Intervention Team* – MGOZ rigward ħofor fi Triq Tal-Gruwa.Is-Segretarju Eżekuttiv qal li dawn huma l-istess ħofor ta' Triq Mġarr ix-Xini u fis-sistema tagħhom qed titla Triq tal-Gruwa.

23.12.3 Il-Kunsill irċieva ritratt b'ilment rigward ħajt imwaqqa fi Triq Qortina. Il-Kunsill qabel li għandna nitolbu l-għajnuna bis-sistema tal-MGOZ works request system.

23.12.4 Il-Kunsill irċieva imejl mingħand Transport Malta b'referenza għall-ritratti u ilmenti li intbagħtu lilhom mingħand Malta Public Transport. Fl-imejl spjegaw il-problemi li qed jaffaċjaw sewwieqa tal-buses meta jkunu għaddejin minn Triq il-Kbira meta r-residenti jipparkjaw quddiem il-garaxxijiet fejn ma hemmx double yellow lines. Meta jiġi ikkunsidrat l-għoli tal-gallariji li hemm faċċata ta' dawn il-garaxxijiet u ma jkunx hemm karozzi ipparkjati man-naħa tal-garaxxijiet, dan qed jagħmilha impossibli għall-Malta Public Transport buses biex jgħaddu mingħajr ma jagħmlu ħsara fuq il-bus. Il-Kunsill qabel li ssir laqgħa ma' Transport Malta fuq il-post dwar dan l-ilment.

23.12.5 Il-Kunsill irċieva imjel mingħand l-*Intervention Team* – MGOZ rigward skart u knis ta' Triq Ta' Skerla. Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li dan it-tindif sar mill-Kuntrattur.

23.12.6 Il-Kunsill irċieva imejl mingħand l-*Intervention Team* – MGOZ rigward ħaxix fi Triq tal- Gruwa. Is-Segretarju Eżekuttiv informahom li dan ix-xogħol qed jsir mill-ħaddiema assenjati mall-Kunsill.

23.12.7 Il-Kunsill irċieva ilment mingħand resident li talab li jgħola ħajt tas-sejjieħ fi Triq Tal-Gruwa.

23.12.8 Il-Kunsill irċieva imejl mingħand persuna li jgħix Londra li jixtieq jikteb dwar il-ħajja ta' ħuh li miet l-Canada. Huwa qed jitlob l-għajnuna ta' kull min jista' jagħtih xi informazzjoni dwar ħuh peress li l-mara tiegħu kienet minn Ta' Sannat, u hu kien iltaqa' miegħu Ta' Sannat meta ġie jżur l-familja tal-mara tiegħu. Il-Kunsill ma għandux informazzjoni dwar dan mitlub.

23.12.9 Il-Kunsill irċieva imejl mill-Kunsill tal-Munxar fejn ġibed l-attenzjoni sabiex ma jinħarġux permessi fl-istess ġurnata u fl-istess ħin biex jingħalqu ż-żewġ t-toroq prinċipali li jeħduk għal-lokalita' tagħhom. Dan qed jirreferi għal Triq Marziena minħabba li jinħoloq inkonvenjent kbir lir-residenti tal-Munxar.

23.12.10 Il-Kunsill irċieva imejl mingħand l-*Intervention Team* – MGOZ rigward patching fi Triq Palazz Palina. Dan il-patching sar dan l-aħħar.

23.12.11 B'referenza għall-ilment numru 05/2021 residenta li toqgħod fi Triq Xabbata talbet li ssir N Shape quddiem il-bieb tad-dar tagħha sabiex tkun tista' tidħol u toħroġ peress li hija anzjana. Hija qalgħet li mhix l-ewwel darba li vetturi li jiltaqgħu ma xulxin jirfsu l-bankina b'dettriment li hi taffaċċja periklu. Il-Kunsill għandu jitlob lil Transport Malta dwar dan l-ilment.

23.12.13 B'referenza għall-ilment numru 06/2021 residenta talbet li ssir bankina ġdida fi Triq Xamgħan. Il-Kunsill qabel li għandna nitolbu l-għajnuna bis-sistema tal-MGOZ works request system.

23.12.14 Il-Kunsill irċieva imejl mingħand l-*Intervention Team* – MGOZ rigward tindif fi Triq Tal-Gruwa. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li dan tnaddaf mill-ħaddiema assenjati mall-Kunsill.

23.12.15 Is-Sindku qal li saritlu talba biex fi Triq ix-Xewkija quddiem il-garaxxijiet tad-djar tas-sidien tiġi nstallata mera peress li hija ta periklu waqt li wieħed ikun dieħel jew ħiereġ bil-vettura tiegħu. Il-Kunsill qabel li titwaħħal mera ġdida.

23.12.16 Is-Segretarju Eżekuttiv ġibed l-attenzjoni li fejn kien hemm tabella black spot fi Triq tal-Gruwa din ma għadiex hemm għalhekk trid tiġi ordnata oħra. Il-Kunsill qabel li tiġi nstallata oħra ġdida.

23.12.17 B'referenza għall-ilment numru 07/2021, il-club u l-management tal-Ground ta' Sannat Lions F.C. qed jitlobu li tiġi nstallata mera faċċata tad-dħul u l-ħrug mill-ground minħabba it-traffiku. Huma qed jitlobu ukoll loading/unloading bay fejn il-bar u c-changing rooms. Il-Kunsill qabel li l-mera tiġi nstallata, rigward is-sinjal loading/unloading għandha tintbgħat it-talba lil Transport Malta.

23.12.18 Il-Kunsillier Bajada qal li ġie avviċinat biex tiġi nstallata bozza ġdida fi Triq tal-Gruwa. Is-Segretarju Eżekuttiv talab ritratt biex naraw fejn eżatt.

## 23.13 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti 2/2021

23.13.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq l-iskeda ta' pagamenti Nru. 2/2021 li kienet intbgħatet permezz ta' imejl biex dawn il-kontijiet jiġu approvati mill-Kunsill. Hu qal li dawn il-pagament għandhom jitħallsu bis-sistema tal-Internet banking. Din l-iskeda ġiet ipproponuta mill-Viċi Sindku u ssekondata mill-Kunsillier Tewma. L-iskeda kif ippreżentata ġiet moqrija w aċċettata mill-Kunsill. Kopja ta' din l-iskeda approvata qed tinhemez ma dawn il-minuti ta' din il-laqgħa.

## 23.14 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta tal-laqgħa li jmiss

23.14.1 Il-laqgħa ntemmet fl-4.54 p.m. u ġiet aġġornata għal nhar it-Tnejn 22 ta' Marzu 2021, fis-1.30 p.m.

Konfermati, illum 22 ta' Marzu, 2021

| | |
|---|---|
| (iffirmata) | (iffirmata) |
| Philip Vella<br>Sindku | Jason Curmi<br>Segretarju Eżekuttiv |